**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Novembru 2020**

**Talba Nru: 144/20 CZ**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Adrian Montanaro sija bil-polza u sija bil-Ligi**

**vs.**

**Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Mosta**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi mressqa fis-7 ta' Lulju 2020 li biha premettew:

Illi s-socjeta' attrici kienet harget polza tal-assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TOW 001 di proprjeta' ta' Adrian Montanaro;

Illi nhar it-23 ta’ Frar 2019 sehh incident fi Triq Durumblat, Mosta, illi bhala konsegwenza tieghu il-vettura di propjeta’ tal-assigurat tas-socjeta` attrici TOW 001 soffriet hsarat wara illi l-assigurat Adrian Montanaro saq minn fuq hofra fonda u skabruza illi thalliet fuq wicc it-triq imsemmija, minghajr senjalagg adekwat, u dana b’negligenza, traskuragni, u nuqqas ta’ prudenza da parti tal-kunsill konvenut, li naqas milli jzomm t-triq in kwistjoni fi stat ta’ zamma u manutenzjoni tajba;

Illi b’hekk isegwi illi l-incident *de quo* sehh unikament bhala rizultat ta’ negligenza, traskuragni, jew imperizja da parti tal-kunsill konvenut;

Illi ghalhekk l-kunsill konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba’ mija u sebgha u sebghin Euro u disgha u erbghin centezmu (€477.49) raprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta’ dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta’ attrici ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta’ Novembru 2019 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-kunsill konvenut illi jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenuti, debitament notifikati, ma pprezentawx risposta.

Ra wkoll illi fis-seduta tat-30 ta’ Settembru 2020, dehret ukoll Lorraine Templeman in rapprezentanza tal-kunsill lokali konvenut, u t-Tribunal dakinhar fil-prezenza tal-istess irrileva seduta stante illi ma kinitx giet prezentata risposta.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra l-affidavit ta’ Adrian Montanaro[1], u sema’ x-xiehda ta’ Andrea Bondin.

[1] Fol. 9

Ra illi s-socjeta' attrici fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020 iddikjarat li m'ghandhiex provi aktar x'tipproduci.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta s-segwenti:

Illi x-xhud **Adrian Montanaro** kellu vettura assikurata mas-socjeta' attrici bin-numru ta' registrazzjoni TOW 001. Fit-23 ta' Frar 2019 kien ghaddej minn Triq Durumblat, il-Mosta, u ghadda minn go hofra fit-triq li kkawzatlu hsara fir-roti ta' wara u quddiem tan-naha tal-lemin kif ukoll fis-shock absorber. Ghal din il-hsara, fetah *claim* mas-socjeta' attrici, li hallsitu erba' mija u hamsin Euro (€450) prezz tat-tiswijiet li kellhom isiru fuq il-karozza.

Illi x-xhud **Andrea Bondin**, li jahdem mas-socjeta' attrici esebixxa ghadd ta' dokumenti fosthom ir-rapport tal-Pulizija, is-*survey report* dwar il-hsarat u rendikont ta' dak li sehh. Irrizulta illi l-kunsill konvenut, ghalkemm interpellat sabiex ihallas ghall-hsara, anke permezz ta' ittra ufficcjali, baqa' ma hallasx.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi ma hemmx kontestazzjoni illi t-triq in kwestjoni hija responsabbilta' tal-kunsill lokali konvenut, u ma hemmx kontestazzjoni lanqas li f'din it-triq kien hemm il-hofra li tidher fir-ritratti esebiti, u li kkawzat il-hsara fil-karozza tal-assigurat tas-socjeta' attrici. Minkejja li l-kunsill lokali konvenut baqa' sieket dwar l-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici, huwa ben maghruf illi ai termini ta' l-Artiklu 33 (1)(a) tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta, kull kunsill lokali huwa responsabbli ghaz-zamma tat-toroq li jaqghu fil-konfini tieghu, ghajr ghal dawk it-toroq li huma responsabbilta' ta' Infrastruttura Malta. Ma gie bl-ebda mod pruvat illi din it-triq partikolari mhijiex responsabbilta' tal-kunsill lokali konvenut, u ghaldaqstant ir-responsabbilta' tal-akkadut taqa' bis-shih fuq il-kunsill lokali konvenut, u ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenuti fil-kwalita' taghhom premessa sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha w sebghin Euro u disgha u erbghin centezmu (€477.49), bl-imghax kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba jithallsu kollha mill-konvenuti fil-kwalita' taghhom premessa.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur